FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 20 TA' DICEMBRU, 1996

Avviz Nru.424/96

Anthony Agius

vs

Ray Azzopardi

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Settembru, 1996;

Ra r-risposta tal-1 ta' Ottubru, 1996;

Semgha lill-attur;

Ha konjizzjoni tad-dokumenti ezebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra l-Artikolu 13 (b) tal-Att V tal-1995;

Ikkunsidra li mill-provi migjuba jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-ammont ta' Mitt lira Maltija ghal xoghol ta' tiswijiet u bdil tal-parts tal-car marka Sinca tal-konvenut, li saru fuq talba tal-konvenut fl-ewwel ghaxart ijiem ta' Settembru, 1996, huwa tassew dovut, u ma jirrizulta bl-ebda mod li sar xoghol inutli, jew li l-attur ma espletax l-inkarigu lilu moghti skond is-sengha u l-arti.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' Mitt lira Maltija (Lm100) kif dedott fl-avviz.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.

Dr. Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.